Rase haditu għand il-Professur Prezziosi. Kien is-sajf. Il-Professur taha qtar għal għajnejn it-tifel biex meta jiġi ż-żmien tal-alerġija hi tkun tista' tqattarlu l-mediċina f'għajnejh. Rose refgħet din il-mediċina għal meta jkun hemm bżonnha.

Sadattant Rose u t-tifel għattendew il-laqgħa ta' talb, il-Girgenti, bhas-soltu. Kif kienu hemm Noel talab 'l ommu tħallih imur ixarrab għajnejh bl-ilma tal-ħawt; u hekk għamel.

Iż-żmien għaddal; għaddiet ix-xitwa u anki r-rebbiegħa; għaddew is-snin u Noel qatt aktar ma ħass dik l-allerġija... u l-qtar baqgħu merfugħin! It-tifel illum għandu ħmistax-il sena.

**Il-każ ta' Joseph Ciappara,** ir-raġel ta' Rose.

Fl-aħħar ta' april, 1996, Ġużeppi mar jistad in-naħa ta' taħt it-Torri tal-Għallis. Aktar tard, Dun Alwiġ Camilleri, tan-Naxxar, ħabib tal-familja Ciappara, niżel ukoll jistad xi ftit 'il bogħod minn fejn kien Ġużeppi. Dun Alwiġ għaraf il-karrozza ta' Ġużeppi imma ma rahx jistad. Ħaseb li forsi kien illarga xi ftit. Għadda xi ftit tal-ħin u Dun Alwiġ beda jitħasseb għax ma rahx lil Ġużeppi jistad. Għalhekk mar jitkixxef x'kien ġara.

Dun Alwiġ sab lil Ġużeppi stendut fl-art qisu bla ħajja! Malajr tah l-assoluzzjoni u peress li ma seta' isib lil ħadd għall-għajnuna, tela' malajr bil-karozza n-Naxxar, javża lill-mara ta' Ġużeppi, u jċemplu għall-Ambulanza. Ġużeppi ġie meħud l-isptar fejn kien miżmum fl-ITU. Inżamm bid-drip. Il-mara poġġietlu santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni taħt l-imħadda u, wara xi ħamest ijiem, setgħet tħallat ftit ilma tal-Girgenti mat-te, jew ikel ieħor, kuljum.

Dam l-isptar sitt ġimgħat u meta' reġa' lura d-dar ma kienx jista' jimxi. It-talb ma naqasx. Ġużeppi kien dejjem iġib fuqu il-labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-labtu l-aħdar. Meta Ġużeppi mar għall-aħjar, tant li seta' jmur il-Girgenti u, meta ltaqa' ma' Ġuża Mifsud, fl-aħħar laqgħa qabel ma mietet, Ġuża qaltlu: "il-Madonna taf bik, u kollox jibqa' sejjer għall-aħjar".

Illum Ġużeppi jinsab tajjeb u jirringrazzja lill-Madonna ta' kull ma għamlet miegħu u mal-familja.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 34 APRIL 1998 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Kif kienet l-Għalqa tal-Girgenti, f'1988**

## L-GĦAXAR ANNIVERSARJU TAL-FENOMINI TAX-XEMX, IL-GIRGENTI

Għal ħafna devoti li llum jattendu għal-laqgħat tal-Girgenti, il-ġrajja tal-fenomini tax-xemx li seħħew f'Ġunju tal-1988 u fix-xhur ta' wara, mhumiex ħlief storja interessanti li semgħu mingħand xi nies li kienu l-Girgenti f'dawk l-okkażżjonijiet.

**Ġunju 1988**

L-ikbar fenomenu aktarx kien dak tat-8 ta' Ġunju 1988, meta folla żgħira

attendiet għal-laqgħa, meta t-temp kien ħażin u ma kienx iħajrek tmur. Ħadd minn dawk li kienu l-Girgenti ma kien jaf xejn fuq il-fenomenu li kellu jseħħ. Imma Ġuża kienet taf, għax kienet imnebbħa mill-Madonna u talbet lil tal-gazzetti biex jibgħatu r-reporters tagħhom, għax il-Madonna kellha tagħti messaġġ speċjali. Reporters ta' gazzetta waħda biss telgħu; il-laqgħa kellha ssir fis-5.45p.m.

Dawk li kienu hemm m'huma se jinsew qatt dak li raw, wara li waslet Ġuża fil-5.50p.m. u bdiet il-laqgħa. Għandna mal-ħamsin rapport ta' dak li ġara, mibgħuta mix-xhieda li kienu hemm. Kollha jsemmu r-raġġi kbar li x-xemx bdiet tarmi 'l fuq u 'l isfel, waqt li l-kuluri ta' kull xorta inferrxu fuq il-wied u fuq in-nies li kienu fl-għalqa fejn kienu jsiru l-laqgħat. Dehriet tal-għaġeb feġġew kemm fix-xemx u kemm madwarha. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti jgħidu li x-xemx kienet qegħda ddur bħal raddiena. Sadattant is-shab ta' fuq rasna ħa sura ta' boċċi kbar tal-qoton imsenslin f'linji b'direzzjoni lejn ix-xemx. Kienet xena meraviljuża. Il-fenomenu dam sejjer madwar siegħa.

**Il-5 ta' Lulju**

Fil-5 ta' Lulju it-temp kien sabiħ u bla shab, meta saret il-laqgħa ta' talb. F'sema ikħal nir, ix-xemx dehret issaltan fuq in-natura waqt li aħna stajna nħarsu lejha mingħajr għajnuna u stagħġibna kif ma ħassejna ebda uġigħ f'għajnejna.

Xi nies li ma kienux il-Girgenti f'dawn iż-żewġ okkażżjonijiet qalulna li raw fenomini fix-xemx fix-xhur ta' wara.

Inkwantu għar-rapporti li dehru f'xi gazzetti li allegaw li kien hemm nies li meta ħarsu lejn ix-xemx, għamlu ħsara f'għajnejhom, biżżejjed ngħidu li l-mijiet kbar li raw il-fenomini ma kellhom l-ebda ħsara. Imma kien hemm xi ftit nies imprudenti li ssugraw ifittxu fenomini fix-xemx meta ma kienx hemm. M'hiex ħaġa kbira li dawn għamlu ħsara f'għajnejhom. Max-xemx ma tiċċajtax!

Għalina li nemmnu fil-Madonna u fl-imħabba tagħha għalina, dawn il-fenomini fis-sema huma xhieda tal-verità tal-messaġġi li Ġuża Mifsud kienet qed tgħaddilna min-naħa tal-Madonna.

Jalla l-Awtoritajiet tal-Knisja jiehdu passi biex jeżaminaw dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġrajjiet tal-Girgenti, qabel ma x-xhieda ewlenin ta' dawn il-ġrajjiet jisparixxu wieħed wara l-ieħor, kif diġa' għamlet Ġuża.

Nitolbu biex it-twissijiet ta' Ġuża ma jibqgħux sejrin mar-riħ, qabel ma jkun tard wisq!



# Tagħrif fuq il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni

Dan it-tagħrif fuq it-tesserament, jgħodd kemm għal dawk li qatt ma kellhom Tessera ta' shubija fil-Moviment u kemm għat-Tesserati, biex dawn jiftakru fl-obligi u d-drittijiet tagħhom bħala membri tal-Moviment.

## IT-TESSERAMENT FIL-MOVIMENT

Issoltu, biex wieħed ikun Tesserat (membru) tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, jeħtieġlu jakkwista Formola ta' Applikazzjoni, jimlieha u jtiha li xi membru tal-Kumitat.

Qegħdin ninqdew b'dan il-fuljett biex ngħajnu lil min qatt ma kien jaf bit-Tesserament jew ma jistax jakkwista Formola ta' Applikazzjoni.

Imla l-Formola ta' hawn isfel u ibgħatha kif spjegat. M'hemm l-ebda ħlas x'tagħmel għat-Tesserament.

## OBLIGI U DRITTIJIET TAT-TESSETAT

1. It-Tesserat iwiegħed li jagħmel ħiltu biex ixerred id-devozzjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġesù Ewkaristija (kif kienet tgħidilna Ġuża Mifsud)

2. It-Tesserat għandu jkun jaf sew bil-Ġrajjiet tal-Girgenti: Messaġġi tal-Madonna, grazzji u konverżjonijiet maqlugħa; u jgħaddi dan it-tagħrif lil nies oħra.

3. Jattendi għal-Laqgħat ta' Talb, il-Girgenti meta jista'. Meta ma jistax għandu jagħmel kif kienet tagħmel Ġuża li, f'dak il-ħin tal-Laqgħa, kienet titlob lill-Madonna biex jinqalgħu ħafna grazzji u joħroġ ħafna ġid mill-laqgħa.

4. Għandu jitlob għall-Membri l-oħra tal-Moviment l-aktar għal dawk li għandhom bżonn speċjali tal-għajnuna tal-Madonna.

5. Jgħin kif jista' biex il-Moviment ikompli jikber.

6. It-Tesserat biss jista' joħroġ kandidat tal-Kumitat tal-Moviment, u għandu jivvota fil-laqgħa li ssir apposta biex jintagħżel Kumitat ġdid.

7. Peress li l-Moviment hu "xirka" jew "għaqda ta' talb", it-Tesserat jieħu sehem mit-talb kollu li jsir.

8. It-Tesserat iħeġġeġ oħrajn isiru Membri. Jekk ikollu bżonn ta' iktar formoli ta' Applikazzjoni għandu jikteb lill-Editur jew lis-Segretarja fl-indirizz kif jidher fl-aħħar paġna tal-fuljett.

## ATT TA' KONSAGRAZZJONI LILL-MADONNA



**IL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI**

O Marija, Sultana tas-Sema u ta' l-Art, Inti fissirt aktar minn darba x-xewqa li tara d-dinja kkonsagrata lill-Qalb Tiegħek bla tebgħa.

Imqanqal minn din ix-xewqa tiegħek f'riġlejk ninxteħet u nikkonsagra ruħi Lilek.

Nagħtik qalbi, ruħi u ħajti kollha biex inkun kollni tiegħek; u agħmel minni "Qaddej tal-Mulej" bħalek.

Nitolbok tħares il-Knisja Mqaddsa t'Alla, il-Gżejjer tagħna, lili, il-familja tiegħi u l-bnedmin kollha.

Għinni ngħix ħajja kkonsagrata Lilek biex ikun jistħoqqli mewta tajba u l-ħajja ta' dejjem. Amen.

TLIET AVE MARIJIET

Nihil Obstat
die 22n Oct 1984
Jos Lupi
Cens theol

Imprimatur
die 22n Oct 1984
Can C. Xuereb
Vic. Gen



## TALBA TA' SAN MIKIEL



San Mikiel Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida, kun Int il-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju; irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa: U Inti l-aqwa fost il-qtajja tas-Sema, itfa', bil-qawwa t'Alla fil-qiegħ ta' l-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta' l-erwieħ. Amen.

Imp. Die 30 Octobris 1970
† Em. Galea Isqof ta' Tralles
Vig. Ġen.

Aqta' din in-nofs paġna u ibgħatha bil-posta.

**APPLIKAZZJONI GĦAL SĦUBIJA FIL-MOVIMENT**

Dikjarazzjoni tal-Applikant:

"Jiena, li hawn taħt iffirmajt, nixtieq insir membru tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Inwiegħed li nattendi għal-Laqgħat ta' Talb, il-Girgenti, meta nista'; li nxerred id-devozzjoni tal-Madonna u ta' Ġesù Ewkaristija, u li noffri t-talb tiegħi għall-bżonnijiet tal-membri tal-Moviment u ta' dawk li għandhom bżonn ta' għajnuna speċjali.

Ikteb b'ittri kbar (minbarra l-firma)

Isem u kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Data tat-twelid ______________

I.D. No. ______________ Tel. No. ______________

Firma ______________ Data ______________

# AVVIŻI

1. Il-Laqgħat ta' talb li jmiss se jsiru kif ġej:

| | |
|---|---|
| Fil-5 u fid-19 ta' April, | fil-5.30p.m. |
| Fit-3 u fis-17 ta' Mejju, | fis-6.00p.m. |
| Il-Ħadd, 3 ta' Mejju nagħmlu Pellegrinaġġ. | |
| Fis-7 u fil-21 ta' Ġunju, | fis-6.30p.m. |
| Fil-5 ta' Lulju, | fis-6.30p.m. |

2. Infakkru lid-devoti tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni li jixtieq jkunu jafu iżjed fuq Ġuża Mifsud u fuq il-messaġġi li l-Madonna għadditilna permezz ta' Ġuża, li hemm kotba kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż, miktubin minn Dr. S. Spiteri LL.D., u li tistgħu tixtru mill-post tal-laqgħat, il-Girgenti.

3. Ma ninsewx li Mejju hu xahar ikkonsagrat lill-Madonna, u , li Ommna Marija Santissima trid issalva d-dinja permezz tar-rużarju. Għiduh kull jum.

**Ibgħat l-Applikazzjoni tiegħek bil-posta**

**jew lill-Editur: Bro. Victor Privitera, F.S.C., B. A.,**
**Stella Maris College**
**Gżira GZR 04**

**jew lis-Segretarja: Dr. S. Spiteri, LL. D,**
**16, St. James Str.,**
**Siġġiewi.**

**Tista' wkoll ittiha lil xi Membru tal-Kumitat.**



# GRAZZJI MAQLUGĦA

1. Is-sinjura M.C. minn Paola, bagħtitilna ittra fejn qalet: "Jiena nieqsa mis-smigħ u nuża Hearing Aid. F'Lulju ġratli l-ħsara fiha. Għedna r-Rużarju u wara r-Rużarju erġajt ippruvajt il-Hearing Aid u sibtha taħdem tajjeb għal kollox.

Issa (fl-aħħar ta' Novembru) reġa' ġratli l-ħsara, imma ikbar minn qabel. Ftakart fil-Madonna tal-Konsagrazzjoni, tlabtha bil-qalb permezz tar-Rużarju. Wara li spiċċajnieħ, haduni għand il-konsulent u malli dan miss l-instrument b'idejh, beda jaħdem tajjeb bħal qabel.

Jien dan il-każ ngħoddu t-tieni grazja li qlajt mingħand il-Madonna u qatt ma nieqaf nirringrazzjah ta' dak li għamlet miegħi."

2. M. Azzopardi minn Valletta tirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni, tal-Girgenti, ta' l-għajnuna f'waqtha li tatni meta tlabtha bil-ħerqa.

3. Ines Mifsud minn Paola tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

Ines qabadha uġigħ f'daħrha. Wara li kienet ilha xi ftit tħossu, hi marret għand it-tabib u dan ta xi pilloli u qalilha li dawk il-pilloli ma kinux biex ifejquha imma biss biex itaffulha l-uġigħ. Hi kellha n-nerv ta' daħrha jħokk mal-irkiekel tas-sinsla tad-dahar.

Ines bdiet tixrob l-ilma tal-Madonna meħud mill-Girgenti, u talbet bil-fidi. Għall-ewwel baqgħet xorta muġugħa; għaddew sitt ijiem u l-uġigħ beda jtaffi.

Ma riditx temmen għax ħasbet li l-uġigħ jerġa' jiġi malli jispiċċaw il-pilloli. Għaddew seba' xhur u l-uġigħ ma reġax ġie!

Grazzi lill-Madonna.

4. Rapport tal-Editur:

Mrs. Rose Ciappara tan-Naxxar, waqt laqgħa ta' talb, il-Girgenti, talbitni biex nagħmillha intervista għax kellha xi grazzji x'tirrapporta.

**Fejqan tat-tifel Noel**

Noel, ta' 6 snin kellu allerġija qawwija ta' "Hay-fever" li biha lanqas kien jista' jiftaħ għajnejh.